# FTEHIM QAFAS

## dwar Sħubija komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, Minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità" kif ukoll

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri",

minn naħa waħda, u

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA,

min-naħa l-oħra,

Minn hawn 'il quddiem konġuntement imsejħa "il-Partijiet",

WAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rabtiet tradizzjonali ta' sħubija bejn ir-Repubblika tal-Indoneżja u l-Komunità, u r-rabtiet storiċi, politiċi u ekonomiċi mill-qrib li jgħaqqduhom,

BILLI l-Partijiet jagħtu importanza partikolari għan-natura komprensiva tar-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta tal-Partijiet sabiex jirrispettaw il-prinċipji previsti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta tal-Partijiet sabiex jirrispettaw, jippromwovu u jipproteġu l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-paċi u l-ġustizzja internazzjonali kif stabbilit, *inter alia,* fid-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Istatut ta' Ruma u fi strumenti internazzjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, fejn dawn japplikaw għaż-żewġ Partijiet,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rispett lejn is-sovranità, l-integrità territorjali u l-għaqda nazzjonali tar-Repubblika tal-Indoneżja,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta tagħhom lejn il-prinċipji tal-istat tad-dritt u ta' governanza tajba, u x-xewqa tagħhom li jippromwovu l-progress ekonomiku u soċjali għall-popli tagħhom, b'kont meħud tal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif ukoll ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali,

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID li l-aktar reati serji ta' kriminalità li huma ta' tħassib għall-komunità internazzjonali m'għandhomx jitħallew bla kundanna u li dawk li jiġu akkużati bihom għandhom jitressqu quddiem il-ġustizzja u jekk jinstabu ħatja għandhom jiġu kundannati kif xieraq u li l-prosekuzzjoni effettiva tagħhom għandha tiġi żgurata billi jittieħdu miżuri fuq livell nazjonali u billi tissaħħaħ il-kollaborazzjoni globali,

WAQT LI JESPRIMU r-rabta sħiħa tagħhom sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' kriminalità transnazzjonali organizzata u ta' terroriżmu skont il-liġijiet internazzjonali, inkluż il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji umanitarji dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u refuġju kif ukoll il-liġijiet umanitarji internazzjonali, u li jistabbilixxu kooperazzjoni internazzjonali effettiva u strumenti sabiex tiġi żgurata l-qerda tagħhom,

BILLI l-Partijiet jirrikonoxxu li l-adozzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u tar-Riżoluzzjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1540 isejsu l-impenn tal-komunità internazzjonali sħiħa sabiex tiġi miġġielda l-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa,

WAQT LI JAGĦRFU l-ħtieġa li t-tnejn isaħħu l-obbligi tad-diżarmament u tan-non-proliferazzjoni skont il-liġi internazzjonali, *inter alia,* sabiex jiġi eliminat kull periklu li jiġi mill-armi tad-distruzzjoni massiva,

WAQT LI JAGĦRFU l-importanza tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tas-7 ta' Marzu 1980 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Indoneżja, il-Malasja, il-Filippini, Singapor u t-Tajlandja — pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk (l-ASEAN) u tal-protokolli ta' sħubija sussegwenti,

WAQT LI JAGĦRFU l-importanza li tissaħħaħ ir-relazzjoni eżistenti bejn il-Partijiet sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejniethom, kif ukoll ir-rieda komuni tagħhom sabiex jikkonsolidaw, iżidu u jiddiversifikaw ir-relazzjonijiet tagħhom f'oqsma ta' interess reċiproku fuq il-bażi ta' ugwaljanza, non-diskriminazzjoni, ir-rispett lejn l-ambjent naturali u l-ġid reċiproku,

WAQT LI JIKKONFERMAW ix-xewqa tagħhom li jsaħħu, waqt li jikkunsidraw l-attivitajiet li jkunu twettqu fil-qafas reġjonali, il-kooperazzjoni bejn il-Komunità u r-Repubblika tal-Indoneżja, ibbażata fuq valuri komuni u fuq il-ġid reċiproku,

B'MOD KONFORMI mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU I

**IN-NATURA U L-AMBITU**

*Artikolu 1*

**Il-Prinċipji Ġenerali**

1. Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem li japplikaw għaż-żewġ Partijiet isaħħaħ il-politiki interni u internazzjonali taż-żewġ Partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jikkonfermaw il-valuri komuni tagħhom kif stabbilit fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-Partijiet jikkonfermaw ir-rabta tagħhom li jippromwovu żvilupp sostenibbli, li jikkooperaw sabiex jindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima u li jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju.

4. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid ir-rabta tagħhom għad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna u qed jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni sabiex itejbu aktar il-prestazzjoni tal-iżvilupp.

5. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid ir-rabta tagħhom lejn il-prinċipji ta' governanza tajba, l-istat tad-dritt, inkluż l-indipendenza tal-ġudikatura, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

6. L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni għandha tiġi bbażata fuq il-prinċipji ta' ugwaljanza u benefiċċju reċiproku.

*Artikolu 2*

**L-Għanijiet tal-Kooperazzjoni**

Bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali tagħhom, il-Partijiet qed jintrabtu li jżommu djalogu komprensiv u li jippromwovu kooperazzjoni ulterjuri bejniethom fis-setturi kollha ta' interess reċiproku. B'mod partikolari, l-isforzi tagħhom għandhom ikunu mmirati li:

(a) jistabbilixxu kooperazzjoni bilaterali u fil-fora u fl-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti kollha;

(b) jiżviluppaw il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet għall-vantaġġ reċiproku tagħhom;

(c) jistabbilixxu kooperazzjoni fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku li huma marbuta mal-kummerċ u mal-investiment, sabiex jiġu ffaċilitati l-flussi tal-kummerċ u tal-investiment u sabiex jiġu evitati u mneħħija l-ostakli għall-kummerċ u l-investiment, inkluż fejn jixraq, l-inizjattivi reġjonali preżenti u futuri tal-KE-ASEAN;

(d) jistabbilixxu kooperazzjoni f'oqsma oħra ta' interess reċiproku, notevolment fit-turiżmu, fis-servizzi finanzjarji; fit-tassazzjoni u fid-dwana; fil-politika makro-ekonomika; fil-politika industrijali u fl-SMEs; fis-soċjetà tal-informazzjoni; fix-xjenza u fit-teknoloġija; fl-enerġija; fit-trasport u fis-sigurtà tat-trasport; fl-edukazzjoni u fil-kultura; fid-drittijiet tal-bniedem; fl-ambjent u fir-riżorsi naturali, inkluż l-ambjent tal-baħar; fil-foresterija; fl-agrikoltura u l-iżvilupp rurali; fil-kooperazzjoni dwar il-baħar u s-sajd; fis-saħħa; fis-sigurtà tal-ikel; fis-saħħa tal-annimali; fl-istatistika; fil-protezzjoni tad-data personali; fil-kooperazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-Istat u dik pubblika; u fid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(e) jistabbilixxu kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni, inkluż il-migrazzjoni legali u illegali, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' persuni,

(f) jistabbilixxu kooperazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u affarijiet legali;

(g) jistabbilixxu kooperazzjoni sabiex jikkumbattu l-proliferazzjoni ta' armi tad-distruzzjoni massiva;

(h) jistabbilixxu kooperazzjoni sabiex jikkumbattu t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali, bħalma huma l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illegali u l-prekursuri tagħhom kif ukoll il-money laundering;

(i) isaħħu l-parteċipazzjoni eżistenti u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni possibbli taż-żewġ Partijiet fi ħdan programmi ta' kooperazzjoni sub-reġjonali u reġjonali rilevanti;

(j) jgħollu l-profili taż-żewġ Partijiet fir-reġjuni ta' xulxin;

(k) jipprowovu l-fehma minn poplu għal ieħor bil-kooperazzjoni ta' diversi entitajiet mhux governattivi bħalma huma t-think-tanks, l-akkademiċi, is-soċjetà ċivili, u l-midja, fil-forma ta' seminars, konferenzi, l-interazzjoni taż-żgħażagħ u attivitajiet oħra.

*Artikolu 3*

**Il-Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi tal-Qerda tal-Massa**

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi tad-distruzzjoni massiva u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom, kemm għand atturi statali u mhux statali, tirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet serji għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet għalhekk qed jaqblu li jikkooperaw u li jikkontribwixxu sabiex jikkumbattu l-proliferazzjoni ta' armi tad-distruzzjoni massiva u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom b'konformità sħiħa ma' u bl-implimentazzjoni nazzjonali tal-obbligi eżistenti taħt trattati/konvenzjonijiet multilaterali li jikkonċernaw id-diżarmament u n-non-proliferazzjoni tagħhom, kif ukoll ma' ftehimiet oħra u obbligi internazzjonali negozjati b'mod multilaterali taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-ftehim.

3. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jikkooperaw fi u li jieħdu passi sabiex isaħħu l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw id-diżarmament u n-non-proliferazzjoni ta' armi tad-distruzzjoni massiva, li japplikaw għaż-żewġ Partijiet, billi fost oħrajn jikkondividuinformazzjoni, parir espert u esperjenzi.

4. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jikkooperaw u li jikkontribwixxu sabiex jikkumbattu l-proliferazzjoni tal-armi tad-distruzzjoni massiva u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom, billi jieħdu azzjoni sabiex jiffirmaw, jirratifikaw, jew jaderixxu, kif xieraq, u jimplimentaw b'mod sħiħ l-istrumenti internazzjonali rilevanti l-oħra kollha.

5. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jikkooperaw sabiex jistabbilixxu kontrolli nazzjonali effettivi fuq l-esportazzjonijiet, sabiex jevitaw il-proliferazzjoni, jikkontrollaw l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu ta' oġġetti relatati mal-armi tad-distruzzjoni massiva, inkluż permezz ta' kontrolli fuq l-użu finali tal-armi tad-distruzzjoni massiva fejn jikkonċerna teknoloġiji b'użu doppju u sanzjonijiet effettivi meta l-kontrolli tal-esportazzjoni jiġu miksura.

6. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li għandu jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi. Tali djalogu jista' jsir fuq bażi reġjonali.

*Artikolu 4*

**Il-Kooperazzjoni Legali**

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp tas-sistemi legali, il-liġijiet u l-istituzzjonijiet legali tagħhom, inkluż fejn jikkonċerna l-effikaċja tagħhom, b'mod partikolari bl-iskambju ta' opinjonijiet u parir espert kif ukoll bil-bini tal-kapaċità. Fi ħdan is-setgħat u l-kompetenzi tagħhom, il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiżviluppaw l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet ta' kriminalità u estradizzjoni.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li l-iktar reati serji ta' kriminalità li huma ta' tħassib għall-komunità internazzjonali bħala ħaġa waħda m'għandhomx jitħallew bla kundanna, u li dawk li jiġu akkużati b'dawn għandhom jitressqu quddiem il-ġustizzja u jekk jinstabu ħatja għandhom jiġu kkundanati kif xieraq.

3. Il-Partijiet qed jaqblu li jikkooperaw dwar l-implimentazzjoni tad-Digriet Presidenzjali għall-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2004-2009, inkluż il-preparazzjonijiet għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, bħalma hija l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, u l-Istatut ta' Ruma dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali.

4. Il-Partijiet jaqblu li djalogu bejniethom dwar din il-materja jkun ta' benefiċċju.

*Artikolu 5*

**Il-Kooperazzjoni fil-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu**

1. Il-Partijiet, waqt li jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u b'mod konformi mal-konvenzjonijiet internazzjonali li japplikaw, inkluż l-istrumenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, kif ukoll il-leġiżlazzjoni u r-regolamenti rispettivi tagħhom, u, waqt li jikkunsidraw l-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, prevista fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti nru. 60/288 tat-8 ta' Settembru 2006, u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE-ASEAN dwar il-kooperazzjoni sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu tat-28 ta' Jannar 2003, qed jaqblu li jikkooperaw sabiex jiġu evitati u mrażżna atti terroristiċi.

2. Il-Partijiet għandhom, fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1373 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' riżoluzzjonijiet rilevanti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti, konvenzjonijiet internazzjonali u strumenti li japplikaw għaż-żewġ Partijiet, jikkooperaw sabiex jikkumbattu t-terroriżmu, permezz *inter alia* ta':

— skambju ta' informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom skont il-liġijiet internazzjonali u nazzjonali;

— skambju ta' opinjonijiet dwar mezzi u metodi użati sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu, inkluż f'oqsma u taħriġ tekniku, u bl-iskambju ta' esperjenzi rigward il-prevenzjoni tat-terroriżmu;

— kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, it-tisħiħ tal-qafas legali u li jiġu indirizzati kundizzjonijiet li jwasslu għat-tixrid tat-terroriżmu;

— kooperazzjoni dwar il-promozzjoni tal-kontroll u l-immaniġġjar tal-fruntieri, it-tisħiħ fil-bini tal-kapaċità billi jiġu stabbiliti programmi ta' networking, taħriġ u edukazzjoni, skambju ta' żjajjar ta' uffiċjali għolja, akkademiċi, analisti u field operators, u billi jiġu organizzati seminars u konferenzi.

TITOLU II

**IL-KOOPERAZZJONI F'ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI U INTERNAZZJONALI**

*Artikolu 6*

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jiskambjaw opinjonijiet u li jikkooperaw fi ħdan il-qafas ta' fora u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali bħalma huma n-Nazzjonijiet Uniti, id-djalogu tal-ASEAN-UE, il-Forum Reġjonali ASEAN (ARF), il-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM), il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

TITOLU III

**IL-KOOPERAZZJONI BILATERALI U REĠJONALI**

*Artikolu 7*

1. Għal kull qasam ta' djalogu u ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim, u filwaqt li jagħtu l-importanza mistħoqqa għal dawk il-materji li jaqgħu taħt kooperazzjoni bilaterali, iż-żewġ naħat qed jaqblu li jwettqu attivitajiet relatati fuq livell bilaterali jew reġjonali jew permezz ta' kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ oqfsa. Waqt li jagħżlu l-qafas xieraq, il-Partijiet se jfittxu li jimmassimizzaw l-impatt fuq u li jsaħħu l-involviment tal-partijiet interessati kollha, billi jagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi disponibbli, waqt li jikkunsidraw il-flessibbiltà politika u istituzzjonali, u, fejn jixraq, jiżguraw il-koerenza ma' attivitajiet oħra li jinvolvu l-Komunità u l-imsieħba tal-ASEAN.

2. Il-Komunità u l-Indoneżja jistgħu, skont kif jixraq, jiddeċiedu li jestendu l-appoġġ finanzjarju għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma li huma koperti bil-Ftehim jew li huma relatati miegħu, b'mod konformi mal-proċeduri u r-riżorsi finanzjarji rispettivi tagħhom. Din il-kooperazzjoni tista', b'mod partikolari, tinkludi l-organizzazzjoni ta' skemi ta' taħriġ, workshops u seminars, skambji ta' esperti, studji, u azzjonijiet oħrajn miftiehma mill-Partijiet.

TITOLU IV

## IL-KOOPERAZZJONI FIL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT

*Artikolu 8*

### Il-Prinċipji Ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jidħlu fi djalogu dwar kummerċ bilaterali u multilaterali kif ukoll dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bil-ħsieb li jsaħħu r-relazzjonijiet tal-kummerċ bilaterali u li jtejbu s-sistema tal-kummerċ multilaterali.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jippromwovu l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tal-iskambji kummerċjali reċiproċi tagħhom sal-ogħla livell possibbli u għall-ġid reċiproku tagħhom. Huma jimpenjaw ruħhom li jiksbu kundizzjonijiet imtejba ta' aċċess għas-suq billi jaħdmu lejn it-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ, b'mod partikolari permezz tat-tneħħija f'waqtha tal-ostakli mhux tariffarji u billi jieħdu miżuri sabiex itejbu t-trasparenza, waqt li jikkunsidraw ix-xogħol imwettaq minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

3. Waqt li jagħrfu li l-kummerċ għandu rwol indispensabbli fl-iżvilupp, u li l-għajnuna fil-forma ta' skemi ta' preferenzi kummerċjali kienet ta' ġid għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-Partijiet jaħdmu sabiex jsaħħu l-konsultazzjoni tagħhom dwar din l-għajnuna f'konformità sħiħa mal-WTO.

4. Il-Partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar l-iżvilupp kummerċjali u dwar il-linji politiċi tal-kummerċ, bħalma huma l-politika agrarja, il-politika dwar is-sigurtà fl-ikel, il-politika dwar is-saħħa tal-annimali, il-politika dwar il-konsumatur, is-sustanzi kimikali perikolużi, u l-politika dwar l-immaniġġjar tal-iskart.

5. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni sabiex jiżviluppaw ir-relazzjonijiet tagħhom dwar il-kummerċ u l-investiment, inkluż il-provvista tal-bini tal-kapaċità teknika sabiex isolvu l-problemi, fl-oqsma msemmija fl-Artikoli 9 sa 16.

*Artikolu 9*

### Il-Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji (SPS)

Il-Partijiet għandhom jiddiskutu u jiskambjaw informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-proċeduri ta' spezzjoni, fi ħdan il-qafas tal-Ftehim tal-WTO dwar Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), l-Office International des Epizooties (OIE) u l-Kummissjoni tal-CODEX Alimentarius (CAC).

*Artikolu 10*

### L-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT)

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-użu ta' standards internazzjonali u jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar l-istandards, il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u r-regolamenti tekniċi, speċjalment fi ħdan il-qafas tal-Ftehim tal-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT).

*Artikolu 11*

### Il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu u jinfurzaw il-protezzjoni u l-użu tal-Proprjetà Intellettwali bbażati fuq l-aħjar prattika, u sabiex isaħħu d-disseminazzjoni tal-għarfien dwar din. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar kwistjonijiet bħalma huma l-prattika, il-promozzjoni, it-tixrid, it-titjib fl-effiċjenza, il-ġestjoni, l-armonizzazzjoni, il-protezzjoni u l-applikazzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-prevenzjoni tal-abbużi ta' dawn id-drittijiet, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu u l-piraterija.

*Artikolu 12*

**Il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ**

Il-Partijiet għandhom jikkondividu l-esperjenzi u jeżaminaw il-possibbiltajiet sabiex jissimplifikaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u proċeduri doganali oħrajn, iżidu t-trasparenza tar-regolamenti kummerċjali u jiżviluppaw il-kooperazzjoni doganali, inkluż mekkaniżmi ta' għajnuna amministrattiva reċiproka kif ukoll li jfittxu li jkun hemm hemm konverġenza ta' ideat u azzjoni konġunta fil-kuntest ta' inizjattivi internazzjonali. Il-Partijiet għandhom jagħtu attenzjoni partikolari sabiex iżidu d-dimensjoni tas-sigurtà tal-kummerċ internazzjonali, inklużi s-servizzi tat-trasport, u sabiex jiżguraw li jkun hemm metodu bilanċjat bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

*Artikolu 13*

**Il-Kooperazzjoni Doganali**

Mingħajr preġudizzju għal forom oħra ta' kooperazzjoni previsti f'dan il-Ftehim, iż-żewġ Partijiet jiddikjaraw l-interess tagħhom sabiex jikkunsidraw il-possibbiltà, fil-futur, li jiġi konkluż protokoll dwar il-kooperazzjoni doganali, inkluż l-għajnuna reċiproka, fi ħdan il-qafas istituzzjonali stabbilit f'dan il-Ftehim.

*Artikolu 14*

**L-Investiment**

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu fluss akbar ta' investiment bl-iżvilupp ta' ambjent attraenti u stabbli għall-investiment reċiproku billi jinħoloq djalogu konsistenti mmirat lejn it-tisħiħ tal-fehma u tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet marbuta mal-investiment, li jiġu esplorati mekkaniżmi amminstrattivi sabiex jiffaċilitaw il-flussi tal-investiment, u li jitmexxa 'l quddiem reġim ta' investiment stabbli, trasparenti, miftuħ u mhux diskriminatorju.

*Artikolu 15*

**Il-Politika dwar il-Kompetizzjoni**

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-istabbiliment effettiv u l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll id-disseminazzjoni ta' informazzjoni sabiex jitkattru t-trasparenza u ċ-ċertezza legali għall-intrapriżi li joperaw fis-swieq ta' xulxin.

*Artikolu 16*

**Is-Servizzi**

Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu konsistenti mmirat l-aktar lejn l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-ambjenti regolatorji rispettivi tagħhom, li jiġi promoss l-aċċess għas-swieq ta' xulxin, li jiġi promoss l-aċċess għas-sorsi ta' kapital u ta' teknoloġija, li jiġi promoss il-kummerċ fis-servizzi bejn iż-żewġ reġjuni u fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

TITOLU V

**IL-KOOPERAZZJONI F'SETTURI OĦRAJN**

*Artikolu 17*

**It-Turiżmu**

1. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw sabiex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni u sabiex jistabbilixxu l-aħjar prattika ħalli jiżguraw żvilupp bilanċjat u sostenibbli fit-turiżmu skont il-Kodiċi ta' Etika għat-Turiżmu tal-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu u l-prinċipji tas-sostenibbiltà li jiffurmaw il-bażi tal-proċess lokali tal-Aġenda 21.

2. Il-Partijiet jistgħu jiżviluppaw kooperazzjoni sabiex jiġi salvagwardjat u massimizzat il-potenzjali tal-wirt naturali u kulturali, sabiex jittaffew l-impatti negattivi tat-turiżmu, u sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni pożittiva tat-turiżmu għall-iżvilupp sostenibbli tal-komunità lokali, *inter alia*, billi jiġi żviluppat l-ekoturiżmu, tiġi rispettata l-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali, u jitjieb it-taħriġ fl-industrija turistika.

*Artikolu 18*

**Is-Servizzi Finanzjarji**

Il-Partijiet jaqblu li jkattru, b'mod konformi mal-ħtiġiet tagħhom u fi ħdan il-qafas tal-programmi u tal-leġiżlazzjoni rispettivi tagħhom, il-kooperazzjoni fis-servizzi finanzjarji.

*Artikolu 19*

**Id-Djalogu dwar il-Politika Ekonomika**

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw sabiex jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u sabiex jikkondividu l-esperjenzi dwar ix-xejriet ekonomiċi u l-politiki rispettivi tagħhom, kif ukoll sabiex jikkondividu l-esperjenzi dwar il-politiki ekonomiċi inkluż fi ħdan il-kuntest ta' kooperazzjoni ekonomika u integrazzjoni reġjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex ikattru d-djalogu bejn l-awtoritajiet tagħhom fejn jikkonċerna materji ekonomiċi li, kif ġie miftiehem mill-Partijiet, jista' jinkludi oqsma bħalma huma l-politika monetarja, il-politika fiskali (inkluż it-taxxi), il-finanzi pubbliċi, u l-istabbilizzazzjoni makro-ekonomika u d-dejn estern.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jtejbu t-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni sabiex jiffaċilitaw l-infurzar ta' miżuri li ma jippermettux l-evitar u l-evażjoni tat-taxxi, fi ħdan il-kuntest tal-oqfsa legali rispettivi tagħhom. Huma jaqblu li jtejbu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam.

*Artikolu 20*

**Il-Politika Industrijali u l-Kooperazzjoni tal-SMEs**

1. Il-Partijiet, waqt li jikkunsidraw il-politiki u l-finijiet ekonomiċi rispettivi tagħhom, jaqblu li jippromwovu l-kooperazzjoni fil-politika industrijali f'dawk l-oqsma kollha meqjusa bħala adattati, bil-ħsieb li titjieb il-kompetittività tal-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju (SMEs), *inter alia,* permezz ta':

— l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet qafas għall-SMEs sabiex dawn itejbu l-kompetittività tagħhom;

— il-promozzjoni ta' kuntatti bejn l-operaturi ekonomiċi, waqt li jinkoraġġixxu l-investimenti konġunti u jistabbilixxu impriżi konġunti u networks ta' informazzjoni l-aktar permezz tal-programmi orizzontali eżistenti tal-Komunità, li jistimulaw b'mod partikolari t-trasferimenti ta' *soft* u *hard technology* bejn l-imsieħba;

— l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi u s-swieq, waqt li jfornu l-informazzjoni u jistimulaw l-innovazzjoni bl-iskambju ta' prattika tajba dwar l-aċċess għall-finanzi, partikolarment għall-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju;

— proġetti ta' riċerka konġunta f'oqsma industrijali magħżula u bil-kooperazzjoni fejn jikkonċerna standards u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u regolamenti tekniċi, skont kif jiġi miftiehem b'mod reċiproku.

2. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw u jappoġġjaw l-attivitajiet rilevanti stabbiliti mis-setturi privati taż-żewġ naħat.

*Artikolu 21*

**Is-Soċjetà tal-Informazzjoni**

Il-Partijiet, waqt li jirrikonoxxu li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huma elementi ewlenin tal-ħajja moderna u ta' importanza kbira għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, għandhom jaħdmu sabiex jikkooperaw flimkien, u din il-kooperazzjoni għandha, *inter alia,* tiffoka fuq:

(a) il-faċilitazzjoni ta' djalogu komprensiv dwar aspetti differenti tas-Soċjetà tal-Informazzjoni, b'mod partikolari l-politiki u r-regolamenti dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi inkluż is-servizz universali, il-liċenzjar u l-awtorizzazzjonijiet ġenerali, il-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali, kif ukoll l-indipendenza u l-effiċjenza tal-awtorità regolatorja;

(b) l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks u tas-servizzi tal-Komunità, tal-Indoneżja u tal-Asja tax-Xlokk;

(c) l-istandardizzazzjoni u d-disseminazzjoni ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni ġodda;

(d) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni fir-riċerka bejn il-Komunità u l-Indoneżja fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

(e) proġetti ta' riċerka konġunta fil-qasam tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT);

(f) punti/aspetti relatati mas-sigurtà fl-ICT.

*Artikolu 22*

**Ix-Xjenza u t-Teknoloġija**

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija fl-oqsma li huma ta' interess reċiproku, bħall-enerġija, it-trasport, l-ambjent u r-riżorsi naturali u s-saħħa, waqt li jikkunsidraw il-politiki rispettivi tagħhom.

2. Il-finijiet ta' din il-kooperazzjoni għandhom ikunu biex:

(a) jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, partikolarment dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u ta' programmi;

(b) jippromwovu relazzjonijiet b'saħħithom bejn il-komunitajiet xjentifiċi, iċ-ċentri ta' riċerka, l-universitajiet u l-industrija tal-Partijiet;

(c) jippromwovu t-taħriġ tar-riżorsi umani;

(d) jippromwovu forom oħrajn ta' kooperazzjoni li dwarhom ikun hemm qbil reċiproku.

3. Il-kooperazzjoni tista' tieħu l-forma ta' proġetti ta' riċerka konġunta u skambji, laqgħat u taħriġ għax-xjenzati permezz ta' skemi ta' mobbiltà internazzjonali, li jipprovdu għall-akbar disseminazzjoni possibbli tar-riżultati tar-riċerka.

4. F'din il-kooperazzjoni, il-Partijiet għandhom jiffavorixxu l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, taċ-ċentri ta' riċerka u tas-setturi produttivi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari l-SMEs.

*Artikolu 23*

**L-Enerġija**

Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fis-settur tal-enerġija. Għal dan il-għan, il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-kuntatti li huma ta' ġid reċiproku bil-ħsieb li:

(a) jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija sabiex itejbu s-sigurtà tal-provvista, jiżviluppaw forom ta' enerġija ġodda jew li jiġġeddu, u sabiex jikkooperaw f'attivitajiet li jikkonċernaw l-enerġija industrijali *upstream* u *downstream*;

(b) jiksbu l-użu razzjonali tal-enerġija bil-kontribuzzjoni kemm ta' min iforni kif ukoll ta' min jagħmel id-domanda, u billi jsaħħu l-kooperazzjoni sabiex jikkumbattu l-bidla fil-klima, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu dwar l-Iżvilupp Nadif tal-Protokoll ta' Kyoto;

(c) ikattru t-trasferiment tat-teknoloġija mmirat lejn il-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-enerġija;

(d) jindirizzaw ir-rabtiet li jeżistu bejn l-aċċess għall-enerġija li wieħed jiflaħ għaliha u l-iżvilupp sostenibbli.

*Artikolu 24*

**It-Trasport**

1. Il-Partijiet jaħdmu li jikkooperaw fl-oqmsa rilevanti kollha tal-politika dwar it-trasport sabiex itejbu l-moviment ta' oġġetti u passiġġieri, jippromwovu s-sigurtà, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport bil-baħar u tal-avjazzjoni, l-iżvilupp tar-riżorsi umani, il-protezzjoni ambjentali, u sabiex iżidu l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport tagħhom.

2. Il-forom ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, *inter alia*:

(a) skambji ta' informazzjoni dwar il-politiki u l-prattika tat-trasport rispettivi tagħhom, partikolarment fejn jikkonċerna t-trasport urban, rurali, tal-ilmijiet interni u tal-baħar, inkluż il-loġistika tagħhom u l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-networks ta' trasport multimodali, kif ukoll l-immaniġġjar tat-toroq, tal-linji tal-ferrovija, tal-portijiet u tal-ajruporti;

(b) l-użu possibbli tas-sistema Ewropea tan-navigazzjoni globali bis-satellita (Galileo), b'attenzjoni fuq punti ta' interess reċiproku;

(c) djalogu fil-qasam tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, immirat għal iktar żvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali bejn il-Partijiet fl-oqsma ta' interess reċiproku; inkluż l-emendi ta' ċerti elementi fil-Ftehimiet bilaterali tas-Servizzi tal-Ajru eżistenti bejn l-Indoneżja u l-Istati Membri individwali sabiex dawn isiru konformi mal-liġijiet u regolamenti rispettivi tal-Partijiet, u sabiex jiġu eżaminati l-possibbiltajiet għal iktar żvilupp ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru.

(d) djalogu fil-qasam tas-servizzi tat-trasport bil-baħar bl-għan li jkun hemm aċċess mhux ristrett għas-swieq u għall-kummerċ marittimu internazzjonali fuq bażi kummerċjali, l-astensjoni milli jiġu introdotti klawżoli ta' qsim ta' merkanzija, it-trattament nazzjonali u l-klawżola MFN għall-bastimenti mħaddma minn ċittadini jew minn kumpaniji tal-Parti l-oħra, kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-servizzi tat-trasport minn bieb għal bieb (door-to-door);

(e) l-implimentazzjoni ta' standards u regolamenti ta' prevenzjoni ta' sigurtà u tniġġiż, notevolment fir-rigward it-trasport marittimu u fl-avjazzjoni, skont il-Konvenzjonijiet Internazzjonali applikabbli.

*Artikolu 25*

**L-Edukazzjoni u l-Kultura**

1. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-edukazzjoni u l-kooperazzjoni kulturali li tirrispetta kif xieraq id-diversità tagħhom, sabiex isaħħu l-fehma reċiproka u l-għarfien dwar il-kulturi rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jieħdu miżuri xierqa sabiex jippromwovu skambji kulturali u sabiex iwettqu inizjattivi konġunti f'diversi sferi kulturali inkluż l-organizzazzjoni konġunta ta' avvenimenti kulturali. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jaqblu wkoll li jkomplu jappoġġjaw l-attivitajiet tal-Fondazzjoni Asja-Ewropa.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw u li jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti, bħalma huma l-Unesco, u li jiskambjaw opinjonijiet dwar id-diversità kulturali inkluż l-iżviluppi bħalma huma r-ratifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Unesco dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.

4. Il-Partijiet għandhom ukoll jagħmlu enfasi fuq miżuri mfassla sabiex joħolqu rabtiet bejn l-aġenziji speċjalizzati rispettivi tagħhom, jinkoraġġixxu l-iskambji ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet, ta' għarfien, ta' studenti, ta' esperti u ta' riżorsi tekniċi, jippromwovu l-ICT fl-edukazzjoni, u sabiex jieħdu vantaġġ mill-faċilitajiet offruti mill-programmi Komunitarji fl-Asja tax-Xlokk fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kultura kif ukoll mill-esperjenza li ż-żewġ Partijiet ikunu kisbu f'dan il-qasam. Iż-żewġ naħat qed jaqblu wkoll li jippromwovu l-implimentazzjoni tal-programm Erasmus Mundus.

*Artikolu 26*

**Id-Drittijiet tal-Bniedem**

1. Il-Partijiet jiftiehmu li jikkooperaw fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

2. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi, *inter alia*:

(a) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Indoneżjan dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(b) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-edukazzjoni;

(c) it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem;

3. Il-Partijiet jaqblu li djalogu bejniethom dwar din il-materja jkun ta' benefiċċju.

*Artikolu 27*

**L-Ambjent u r-Riżorsi Naturali**

1. Il-Partijiet qed jaqblu dwar il-ħtieġa li jikkonservaw u jamministraw b'manjiera sostenibbli r-riżorsi naturali u d-diversità bijoloġika bħala bażi għall-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet preżenti u tal-futur.

2. Ir-riżultati tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli kif ukoll l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti li japplikaw għaż-żewġ Partijiet għandhom jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet kollha li jsiru mill-Partijiet taħt dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex ikomplu bil-kooperazzjoni tagħhom fil-programmi reġjonali dwar il-protezzjoni tal-ambjent, b'mod speċifiku fejn jikkonċerna:

(a) l-għarfien ambjentali u l-kapaċità tal-infurzar tal-liġijiet;

(b) il-bini tal-kapaċità dwar il-bidla fil-klima u l-effiċjenza fl-enerġija, immirata fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-analiżi tal-bidla fil-klima u tal-effetti serra, u fuq programmi ta' tnaqqis u adattament;

(c) il-bini tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluż il-bijodiversità, il-bijosikurezza u CITES;

(d) il-promozzjoni ta' teknoloġiji, prodotti u servizzi ambjentali, inkluż il-bini tal-kapaċità fis-sistemi tal-ġestjoni ambjentali u l-ittikkettar ambjentali;

(e) il-prevenzjoni tal-moviment transkonfinali illegali ta' sustanzi, skart perikoluż u forom oħra ta' skart;

(f) l-ambjent kostali u tal-baħar, il-konservazzjoni, it-tniġġiż, u l-kontroll tad-degradazzjoni;

(g) il-parteċipazzjoni lokali fil-protezzjoni ambjentali u fl-iżvilupp sostenibbli;

(h) l-immaniġġjar tal-ħamrija u tal-art;

(i) it-teħid ta' miżuri sabiex ikun miġġieled it-tniġġiż transkonfinali.

4. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-aċċess reċiproku għall-programmi tagħhom f'dan il-qasam, skont it-termini speċifiċi ta' dawn il-programmi.

*Artikolu 28*

**Il-Foresterija**

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jipproteġu, jikkonservaw, u jimmaniġġjaw b'manjiera sostenibbli r-riżorsi forestali u d-diversità bijoloġika tagħhom għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet preżenti u tal-futur.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex ikomplu bil-kooperazzjoni tagħhom ħalli jtejbu l-immaniġġjar tal-foresti u l-kontroll tan-nirien, sabiex jiġi miġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ assoċjat miegħu, il-kontroll tal-foresti, u l-promozzjoni tal-immaniġġjar ta' foresti sostenibbli.

3. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw programmi ta' kooperazzjoni, fost oħrajn fuq:

(a) Il-kooperazzjoni permezz ta' fora internazzjonali, reġjonali u bilaterali rilevanti dwar il-promozzjoni tal-istabbiliment ta' strumenti legali li jikkonċernaw il-qtugħ illegali ta' siġar u l-kummerċ relatat miegħu

(b) Il-bini tal-kapaċità, ir-riċerka u l-iżvilupp;

(c) L-appoġġ għall-iżvilupp ta' settur sostenibbli tal-foresti;

(d) L-iżvilupp taċ-ċertifikazzjoni tal-foresti.

*Artikolu 29*

**L-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali**

Il-Partijiet jaqblu li jiżviluppaw il-kooperazzjoni dwar l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. L-oqsma ta' kooperazzjoni li jistgħu jiġu żviluppati aktar jinkludu fost l-oħrajn:

(a) il-politika agrikola u l-prospetti internazzjonali u agrikoli ġenerali;

(b) il-possibilitajiet li jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ tal-ħxejjex, tal-bhejjem, u tal-prodotti tagħhom;

(c) il-politika dwar l-iżvilupp f'żoni rurali;

(d) politika ta' kwalità għall-ħxejjex, u għall-bhejjem, u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti;

(e) l-iżvilupp tas-suq u l-promozzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali;

(f) żvilupp tal-agrikoltura sostenibbli.

*Artikolu 30*

**Il-Baħar u s-Sajd**

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni fejn jikkonċerna l-baħar u s-sajd, fuq livell bilaterali u multilaterali, partikolarment sabiex jiġu promossi l-iżvilupp u l-immaniġġjar sostenibbli u responsabbli tal-baħar u s-sajd. L-oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni;

(b) l-appoġġ għal politika sostenibbli u responsabbli fit-tul dwar il-baħar u s-sajd, inkluż il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi kostali u tal-baħar;

(c) il-promozzjoni tal-isforzi sabiex jiġu evitati u miġġielda prattiċi ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux kontrollat; u

(d) l-iżvilupp tas-suq u l-bini tal-kapaċità.

*Artikolu 31*

**Is-Saħħa**

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fis-settur tas-saħħa f'oqsma ta' interess reċiproku, bil-għan li jissaħħew attivitajiet fl-oqsma tar-riċerka, fil-ġestjoni tas-sistemi tas-saħħa, fin-nutrizzjoni, fil-farmaċetwiċi, fil-mediċina preventiva, mard serju li jittieħed bħalma huma l-influwenza tal-għasafar u dik pandemika, l-HIV/AIDS, is-SARS, kif ukoll mard li ma jitteħidx bħalma huwa l-kanċer u l-mard tal-qalb, korrimenti tat-traffiku u theddid ieħor għas-saħħa, inkluż id-dipendenza fuq id-drogi.

2. Il-kooperazzjoni għandha ssir l-aktar permezz ta':

(a) skambju ta' informazzjoni u esperjenzi fl-oqsma msemmija aktar 'il fuq;

(b) programmi dwar l-epidemjoloġija, u d-deċentralizzazzjoni, il-finanzjament tas-saħħa, ir-responsabilizzazzjoni tal-komunità u l-amministrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa;

(c) il-bini tal-kapaċità permezz ta' għajnuna teknika u iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali;

(d) programmi sabiex jitjiebu s-servizzi tas-saħħa, u sabiex jiġu appoġġjati attivitajiet relatati inkluż, fost l-oħrajn, it-tnaqqis fir-rati ta' mortalità ta' trabi u ommijiet.

*Artikolu 32*

**L-Istatistika**

Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu, b'mod konformi mal-attivitajiet eżistenti dwar il-kooperazzjoni statistika bejn il-Komunità u l-ASEAN, l-armonizzazzjoni ta' metodi u prattika statistika inkluż il-ġbir u d-disseminazzjoni tal-istatistika, li tippermettilhom jużaw, fuq bażi reċiproka aċċettabbli, statistika dwar il-kummerċ ta' oġġetti u servizzi u, b'mod aktar ġenerali, dwar kwalunkwe qasam iehor kopert b'dan il-Ftehim li huwa adatt għall-ipproċessar tal-istatistika, bħall-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni.

*Artikolu 33*

**Il-Protezzjoni tad-Data Personali**

1. Il-Partijiet qed jaqblu li jaħdmu f'dan il-qasam, bl-għan reċiproku li jtejbu l-livell ta' protezzjoni ta' data personali waqt li jikkunsidraw l-aħjar prattika internazzjonali, bħal dik prevista fil-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kontroll tal-Fajls Kompjuterizzati b'Dejta Personali (ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 45/95 tal-14 ta' Diċembru 1990).

2. Il-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali tista' tinkludi, *inter alia,* għajnuna teknika fil-forma ta' skambju ta' informazzjoni u ta' parir espert waqt li jiġu kkunsidrati l-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet.

*Artikolu 34*

**Migrazzjoni**

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-isforzi konġunti fil-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn it-territorji tagħhom, u bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dawn għandhom jistabbilixxu djalogu komprensiv fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-migrazzjoni, inkluż il-migrazzjoni illegali, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' persuni, kif ukoll il-protezzjoni ta' dawk li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali. L-aspetti ta' migrazzjoni għandhom ikunu inklużi fl-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żewġ Partijiet. Iż-żewġ Partijiet qed jaqblu li jirrispettaw il-prinċipji umanitarji sabiex jindirizzaw kwistjonijiet li jikkonċernaw il-migrazzjoni.

2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tkun b'mod konformi ma' valutazzjoni tal- ħtiġiet speċifiċi li ssir f'konsultazzjoni reċiproka bejn il-Partijiet u li tiġi implimentata skont il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ tal-Partijiet. Il-kooperazzjoni, *inter alia,* għandha tiffoka fuq:

(a) it-trattament tal-kawżi bażilari tal-migrazzjoni;

(b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-prattiċi nazzjonali b'mod konformi mal-liġijiet internazzjonali rilevanti li japplikaw għaż-żewġ Partijiet u, b'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-prinċipju tan-"non-refoulement";

(c) punti identifikati bħala li huma ta' interess reċiproku fil-qasam tal-viżas, id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-ġestjoni tal-kontroll fuq il-konfini;

(d) ir-regoli tad-dħul, kif ukoll id-drittijiet u l-istat tal-persuni li jiddaħħlu, it-trattament ġust u l-integrazzjoni ta' persuni barranin li jkunu qed jgħixu b'mod legali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, miżuri kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;

(e) il-bini tal-kapaċità teknika u umana;

(f) l-istabbiliment ta' politika effettiva u preventiva kontra l-migrazzjoni illegali, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' persuni, inkluż metodi sabiex jikkumbattu networks ta' kuntrabandisti u ta' traffikanti u sabiex jipproteġu lill-vittmi ta' dan it-traffikar;

(g) ir-ritorn, taħt kundizzjonijiet umani u dinjitużi, ta' persuni li jkunu qed jgħixu illegalment inkluż il-promozzjoni tar-ritorn volontarju tagħhom, u d-dħul mill-ġdid ta' dawn il-persuni skont il-paragrafu 3.

3. Fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni sabiex tiġi evitata u kkontrollata l-immigrazzjoni illegali, u mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' protezzjoni għall-vittmi tat-traffikar ta' persuni, il-Partijiet qed jaqblu wkoll li:

(a) jidentifikaw iċ-ċittadini allegati tagħhom u li jaċċettaw mill-ġdid kwalunkwe ċittadin tagħhom li jkun preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jew fl-Indoneżja, fuq talba u mingħajr dewmien u formalitajiet żejda oħrajn ladarba tkun ġiet stabbilita n-nazzjonalità;

(b) jfornu liċ-ċittadini li jkunu se jerġgħu jiġu aċċettati mill-ġdid bid-dokumenti tal-identità xierqa għal dawn l-għanijiet;

4. Il-Partijiet, fuq talba, jaqblu li jidħlu f'negozjati bil-ħsieb li jikkonkludu ftehim li jirregola l-obbligi speċifiċi għall-Partijiet dwar l-ammissjoni mill-ġdid, inkluż l-obbligu għall-ammissjoni mill-ġdid taċ-ċittadini rispettivi tagħhom u ta' ċittadini ta' pajjiżi oħra. Dan għandu jindirizza wkoll l-kwistjoni ta' persuni mingħajr ċittadinanza.

*Artikolu 35*

**Il-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni**

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu sabiex jikkumbattu l-kriminalità organizzata, ekonomika u finanzjarja kif ukoll il-korruzzjoni b'mod konformi mal-obbligi internazzjonali reċiproċi tagħhom li hemm fis-seħħ f'dan il-qasam, inkluż kooperazzjoni effettiva fl-irkupru ta' assi jew fondi li jkunu ġejjin minn atti ta' korruzzjoni. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 36*

**Il-Kooperazzjoni fil-Ġlieda Kontra d-Drogi Illegali**

1. Fi ħdan l-oqfsa legali rispettivi tagħhom il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw metodu komprensiv u bilanċjat permezz ta' azzjoni effettiva u ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti inkluż mis-setturi tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tal-infurzar tal-liġi inkluż is-servizzi doganali, soċjali, tal-ġustizzja u dawk tal-intern, u r-regolamenti tas-suq legali, bil-għan li jitnaqqsu sakemm huwa possibbli l-forniment, it-traffikar u d-domanda ta' drogi illegali kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-vittmi tad-droga u fuq is-soċjetà ġenerali, u sabiex ikun hemm prevenzjoni aktar effettiva kontra t-tagħwiġ fil-forniment ta' prekursuri kimikali li jintużaw għall-produzzjoni illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

2. Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar il-mezzi ta' kooperazzjoni sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji miftiehma b'mod komuni skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, id-Dikjarazzjoni Politika u d-Dikjarazzjoni Speċjali dwar il-prinċipji ta' gwida rigward it-tnaqqis fid-domanda għad-drogi, li ġew approvati mis-Sessjoni Speċjali dwar id-Drogi tal-Għoxrin Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġunju 1998.

3. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet tista' tinkludi skambji ta' opinjonijiet dwar l-oqfsa leġiżlattivi u l-aħjar prattika, kif ukoll għajnuna teknika u amministrattiva fl-oqsma li ġejjin: il-prevenzjoni u t-trattament tal-abbuż mid-drogi, li jkopru skala wiesgħa ta' modalitajiet inkluż it-tnaqqis fil-periklu relatat mal-abbuż tad-drogi; ċentri ta' informazzjoni u monitoraġġ; it-taħriġ tal-impjegati; riċerka relatata mad-drogi; il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u l-prevenzjoni kontra t-tagħwiġ fil-forniment ta' prekursuri kimikali li jintużaw għall-manifattura illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li jinkludu oqsma oħrajn.

4. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw li jippromwovu politiki ta' żvilupp alternattiv u sostenibbli li jkollhom l-għan li jnaqqsu sakemm ikun possibbli l-kultivazzjoni ta' drogi illegali, b'mod partikolari l-kannabis.

*Artikolu 37*

**Il-Kooperazzjoni fil-Ġlieda Kontra l-Money Laundering**

1. Il-Partijiet qed jaqblu dwar il-ħtieġa li jaħdmu flimkien u li jikkooperaw sabiex jiġi evitat l-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom sabiex isir laundering tar-rikavat mill-attivitajiet kriminali kollha bħalma huma t-traffikar tad-drogi u l-korruzzjoni.

2. Iż-żewġ Partijiet qed jaqblu li jikkooperaw rigward għajnuna teknika u amministrattiva bil-għan li jiġu żviluppati u implimentati regolamenti u l-iffunzjonar effettiv ta' mekkaniżmi sabiex jikkumbattu l-money laundering u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, inkluż l-irkupru ta' assi jew fondi li jkunu ġejjin minn profitti fuq atti kriminali.

3. Il-kooperazzjoni għandha tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjonijiet rispettivi u l-adozzjoni ta' standards xierqa sabiex jiġu miġġielda l-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu, liema standards ikunu ekwivalenti għal dawk adottatu mill-Komunità u l-entitajiet internazzjonali rilevanti li jaħdmu f'dan il-qasam, bħalma huma t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-money laundering (FATF).

*Artikolu 38*

**Is-Soċjetà Ċivili**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol u l-kontribuzzjoni potenzjali ta' soċjetà ċivili organizzata, speċjalment tal-akkademiċi, fil-proċess ta' djalogu u ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim u qed jaqblu li jippromwovu djalogu effettiv mas-soċjetà ċivili organizzata kif ukoll il-parteċipazzjoni effettiva tagħha.

2. B'mod konformi ma' prinċipji demokratiċi u mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' kull Parti, is-soċjetà ċivili organizzata tista':

(a) tipparteċipa fil-proċess tat-tfassil ta' politika fuq livell nazzjonali;

(b) tkun infurmata dwar u tipparteċipa fil-konsultazzjonijiet dwar strateġiji ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni kif ukoll dwar politiki settorjali, partikolarment f'dawk l-oqsma li jikkonċernawhom, inkluż l-istadji kollha tal-proċess tal-iżvilupp;

(c) timmaniġġja b'mod trasparenti kwalunkwe riżors finanzjarju li jiġi allokat lilhom sabiex jiġu appoġġjati l-attivitajiet tagħhom,

(d) tipparteċipa fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni, inkluż il-bini tal-kapaċità, fl-oqsma li jikkonċernawhom.

*Artikolu 39*

**Kooperazzjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Istat u l-Amministrazzjoni Pubblika**

Il-Partijiet, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġiet speċifiċi li saret permezz ta' konsultazzjoni reċiproka, qed jaqbu li jikkooperaw bl-għan li jimmodernizzaw l-amministrazzjoni pubblika tagħhom, billi inter alia:

(a) itejbu l-effiċjenza organizzazzjonali;

(b) iżidu l-effikaċja tal-istituzzjonijiet fil-prestazzjoni tas-servizz;

(c) jiżguraw l-amministrazzjoni trasparenti tar-riżorsi pubbliċi u r-responsabbiltà;

(d) itejbu l-qafas legali u istituzzjonali;

(e) jibnu l-kapaċitajiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika (il-prestazzjoni tas-servizz pubbliku, il-kompożizzjoni u l-eżekuzzjoni tal-baġit, l-anti-korruzzjoni);

(f) isaħħu s-sistemi ġudizzjarji;

(g) itejbu l-mekkaniżmi u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

*Artikolu 40*

**Il-Mezzi ta' Kooperazzjoni**

1. Il-Partijiet qed jaqblu li jagħmlu disponibbli r-riżorsi xierqa, inklużi l-mezzi finanzjarji, sakemm jippermettu r-riżorsi u r-regolamenti rispettivi tagħhom, sabiex jilħqu l-għanijiet ta' kooperazzjoni stabbiliti f'dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-Bank Ewropew għall-Investiment sabiex ikompli bl-operazzjonijiet tiegħu fl-Indoneżja, b'mod konformi mal-proċeduri u mal-kriterji ta' finanzjament tiegħu u mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Indoneżja.

TITOLU VI

**IL-QAFAS ISTITUZZJONALI**

*Artikolu 41*

**Kumitat Konġunt**

1. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu taħt dan il-Ftehim, Kumitat Konġunt, kompost minn rappreżentanti taż-żewġ naħat fuq l-ogħla livell possibbli, li l-kompiti tiegħu għandhom ikunu li:

(a) jiżgura l-funzjonament korrett u l-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim;

(b) jistabbilixxi prijoritajiet rigward l-għanijiet ta’ dan il-Ftehim;

(c) isolvi d-differenzi li jinqalgħu fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni ta’ dan il-Ftehim;

(d) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet firmatarji għal dan il-Ftehim sabiex jippromwovu l-finijiet tal-Ftehim u, fejn ikun meħtieġ, sabiex isolvu kwalunkwe nuqqas ta’ qbil li jista’ jkun hemm fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni ta’ dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu normalment jiltaqa’ mhux inqas minn kull sentejn fl-Indoneżja u fi Brussell alternattivament, f’data li tiġi ffissata bi ftehim reċiproku. Laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru bi ftehim bejn il-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt għandu jitmexxa b’mod alternattiv minn kull waħda mill-Partijiet. L-aġenda għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita bi ftehim bejn il-Partijiet.

3. Il-Kumitat Konġunt jista’ jistabbilixxi gruppi ta’ ħidma speċjalizzati sabiex jgħinuh fil-prestazzjoni tal-kompiti tiegħu. Dawn il-gruppi ta’ ħidma għandhom jagħmlu rapporti dettaljati dwar l-attivitajiet tagħhom li jiġu sottomessi lill-Kumitat Konġunt f’kull waħda mil-laqgħat tiegħu.

4. Il-Partijiet qed jaqblu li għandu jkun ukoll il-kompitu tal-Kumitat Konġunt li jiżgura l-funzjonament korrett ta’ kwalunkwe ftehim settorjali jew protokoll li jiġi konkluż jew li jkun se jiġi konkluż bejn il-Komunità u l-Indoneżja.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu għall-applikazzjoni ta’ dan il-Ftehim.

TITOLU VII

**ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 42*

**Il-Klawżola dwar Żviluppi Futuri**

1. Il-Partijiet jistgħu b’kunsens reċiproku jemendaw, jirrevedu, u jespandu dan il-Ftehim bil-ħsieb li jsaħħu l-livell ta’ kooperazzjoni, inkluż billi jsaħħuh bi ftehimiet jew protokolli li jikkonċernaw setturi jew attivitajiet speċifiċi.

2. Rigward l-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim, iż-żewġ Partijiet jistgħu jressqu suġġerimenti sabiex iwessgħu l-ambitu tal-kooperazzjoni, waqt li jikkunsidraw l-esperjenza li tkun inkisbet fl-applikazzjoni tiegħu.

*Artikolu 43*

**Ftehimiet Oħrajn**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, la dan il-Ftehim u lanqas kwalunkwe azzjoni li tittieħed bis-saħħa tiegħu m’għandha taffettwa b’xi mod is-setgħat tal-Istati Membri sabiex iwettqu attivitajiet ta’ kooperazzjoni bilaterali mal-Indoneżja jew sabiex jikkonkludu, fejn xieraq, ftehimiet ġodda ta’ sħubija u ta’ kooperazzjoni mal-Indoneżja.

2. Dan il-Ftehim m’għandux jaffettwa l-applikazzjoni tal-obbligi li jkunu ttieħdu mill-Partijiet rispettivi f’relazzjoni ma’ partijiet terzi.

*Artikolu 44*

**Mekkaniżmi ta' Riżoluzzjoni**

1. Kull Parti tista' tirreferi lill-Kumitat Konġunt kwalunkwe diverġenza fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jittratta d-diverġenzi b'mod konformi mal-Artikolu 41(1)(c) u (d).

3. Jekk waħda mill-Partijiet ikun jidhrilha li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tilħaq kwalunkwe wieħed mill-obbligi tagħha taħt dan il-Ftehim hija tista' tieħu azzjoni xierqa. Qabel ma tagħmel hekk, ħlief f'każijiet ta' urġenza partikolari, din għandha tippreżenta lill-Kumitat Konġunt bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa sabiex tiġi eżaminata s-sitwazzjoni fid-dettal, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet.

4. Il-Partijiet jaqblu li għall-finijiet tal-interpretazzjoni korretta u l-applikazzjoni prattika ta' dan il-ftehim, it-terminu "każijiet ta' urġenza partikolari" inkluż fil-paragrafu 3 ifisser każijiet ta' ksur materjali tal-Ftehim minn waħda mill-Partijiet. Ksur materjali jikkonsisti fi:

(i) nuqqas ta' rikonoxximent tal-Ftehim li ma jkunx sanzjonat mir-regoli ġenerali tal-liġi internazzjonali, jew

(ii) il-ksur ta' elementi essenzjali tal-Ftehim, kif deskritti fl-Artikoli 1(1), 3(2) u 35.

5. Fl-għażla tal-azzjonijiet, għandha tingħata prijorità lil dawk li jiddisturbaw l-inqas l-iffunzjonar ta' dan il-Ftehim. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu notifikati immedjatament lill-Parti l-oħra u għandhom ikunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet li jsiru fi ħdan il-Kumitat Konġunt jekk il-Parti l-oħra titlob hekk.

*Artikolu 45*

**Il-Faċilitajiet**

Sabiex tiġi faċilitata l-kooperazzjoni fil-qafas ta' dan il-Ftehim, iż-żewġ Partijiet qed jaqblu li jagħtu l-faċilitajiet meħtieġa lill-esperti u lill-uffiċjali awtorizzati kif xieraq li jkunu involuti sabiex jimplimentaw il-kooperazzjoni għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom, b'mod konformi mar-regoli interni u mar-regolamenti taż-żewġ Partijiet.

*Artikolu 46*

**Applikazzjoni Territorjali**

Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea japplika taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, minn naħa waħda, u għat-territorju tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra.

*Artikolu 47*

**Definizzjoni tal-Partijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "il-Partijiet" għandha tfisser il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, b'mod konformi mas-setgħat rispettivi tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra.

*Artikolu 48*

**Id-Dħul fis-Seħħ u d-Durata**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun innotifikat lill-oħra dwar il-konklużjoni tal-proċeduri legali meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim jibqa' validu għal perijodu ta' ħames snin. Dan għandu jiġi estiż b'mod awtomatiku għal perjodi suċċessivi oħra ta' sena, sakemm waħda mill-Partijiet ma tinnotifikax lill-oħra bil-miktub, sa sitt xhur qabel it-tmiem ta' kwalunkwe perjodu ta' sena sussegwenti, dwar l-intenzjoni tagħha li ma testendix dan il-Ftehim.

3. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim għandha ssir bi ftehim bejn il-Partijiet. Kwalunkwe emenda għandha ssir effettiva biss wara li l-aħħar Parti tkun innotifikat lill-oħra li l-formalitajiet kollha meħtieġa jkunu ġew kompletati.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi terminat minn waħda mill-Partijiet permezz ta' avviż bil-miktub tar-rinunzja lill-Parti l-oħra. It-terminazzjoni tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tkun irċeviet in-notifika.

*Artikolu 49*

**In-Notifika**

In-notifika għandha tintbagħat lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Indoneżja, rispettivament.

*Artikolu 50*

**Test Awtentiku**

Dan il-Ftehim ġie mfassal fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovena, Spanjola, Żvediża, Slovakka u Indoneżjana, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkunu ugwalment awtentiku.

Съставено в два екземпляра в Джакарта на девети ноември две хиляди и девета година.
Hecho por duplicado en Yakarta el dia nueve de noviembre del año dos mil nueve.
V Jakartě dne devátého listopadu roku dva tisíce devět ve dvou vyhotoveních.
Udfærdiget i Jakarta, den niende november totusinde og ni.
Geschehen zu Jakarta am neunten November zweitausendneun in zwei Urschriften.
Sõlmitud kahes eksemplaris üheksandal novembril kahe tuhande üheksandal aastal Jakartas.
Υπεγράφη στη Τζακάρτα σε δύο αντίτυπα την ενάτη ημέρα του Νοεμβρίου του έτους δύο χιλιάδες εννέα.
Done in duplicate at Jakarta on this ninth day of November in the year two thousand and nine.
Fait en double exemplaire à Djakarta, le neuf novembre de l'année deux mille neuf.
Fatto in duplice copia a Giacarta il nono giorno di novembre dell'anno duemilanove.
Priimta dviem egzemplioriais Džakartoje, du tūkstančiai devintų metų lapkričio devintą dieną.
Készült két eredeti példányban Jakartában, kétezerkilenc november kilencedikén.
Magħmul f'żewġ oriġinali f'Ġakarta f'dan id-disa' jum ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa.
Gedaan in tweevoud te Jakarta op negen november tweeduizend negen.
Sporządzono w dwóch egzemplarzach w Dżakarcie dnia dziewiątego listopada roku dwa tysiące dziewiątego.
Feito em dois exemplares, em Jacarta, aos nove dias do mês de Novembro do ano de dois mil e nove.
Încheiat în două exemplare la Jakarta în data de astăzi, nouă noiembrie două mii nouă.
V Jakarte deviateho novembra dvetisícdeväť v dvoch pôvodných vyhotoveniach.
V Džakarti, dne devetega novembra leta dva tisoč devet, sestavljeno v dveh izvodih.
Tehty kahtena kappaleena Jakartassa yhdeksäntenä päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattayhdeksän.
Utfärdat i två exemplar i Jakarta den nionde november år tjugohundranio.
Dibuat dalam rangkap ganda di Jakarta pada tanggal sembilan November tahun dua ribu sembilan.

Pour le Royaume de Belgique

Voor het Koninkrijk België

Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



På Kongeriget Danmarks vegne



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar cheann Na hÉireann

For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



A Magyar Köztársaság részéről



Ghal Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta

För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейската общност
Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Pentru Comunitatea Europeană
Za Európske spoločenstvo
za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen





Untuk Pemerintah Republik Indonesia



## ATT FINALI

Il-Plenipotenzjarji ta'

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità"

Kif ukoll

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri"

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA

min-naħa l-oħra,

laqgħa f'Ġakarta fid-9 ta' Novembru 2009 għall-iffirmar tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, adottaw il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni.

Il-plenipotenzjarji tal-Istati Membri u l-plenipotenzjarju tar-Repubblika tal-Indoneżja jieħdu nota tad-Dikjarazzjoni Unilaterali segwenti mill-Komunità Ewropea:

"Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jagħqu fl-iskop tat-Taqsima III, Titolu IV tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u l-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Komunità Ewropea, sakemm ir-Renju Unit jew l-Irlanda (skont kif ikun l-każ) jinnotifikaw lir-Repubblika tal-Indoneżja li intrabtu bħala parti mill-Komunità Ewropea skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. L-istess japplika għad-Danimarka, skont il-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka."